



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI EWROPEA GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 7.12.2012
JOIN(2012) 35 final

2012/0356 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti
kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Il-Kunsill wasal biex jadotta Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran. Din id-Deċiżjoni se temenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna. Dan ifisser li, se tintroduċi deroga għall-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għar-ripressjoni interna fil-każ li tali tagħmir ikun meħtieġ biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri.
- (2) Sabiex din l-emenda fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna tiġi implimentata hemm bżonn ta' azzjoni fil-livell tal-UE .
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 għandu għalhekk jiġi emendat.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 215(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/.../PEŠK¹ li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PEŠK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran²,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) B'reazzjoni għad-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 tat-12 ta' April 2011³ impona ċerti miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PEŠK.
- (2) Fil- ...ta' Diċembru 2012 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/.../PEŠK li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PEŠK fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna.
- (3) Dik il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fuq il-livell tal-Unjoni sabiex tiġi implimentata.
- (4) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

¹ ĠU L, p. .

² ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51.

³ ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 qed jiġi emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 1a, il-paragrafu li hemm jingħata n-numru ta' paragrafu 1 u jiżdied il-paragrafu 2li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III , jew il-forniment ta'assistenza jew servizzi msemmija fil-paragrafu 1 (b) u (c), sakemm ikun maħsub biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri. "

Artikolu 2.

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*